MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 1052/2003

**Martin Degabriele**

**vs**

**Emmanuel Gauci u b'digriet tat-tribunal tal-11 ta Lulju 2006 giet mizjuda l-kelma Limited wara l-kliem EMM Enterprises.**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta Mejju 2003 fejn
intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lill-
attur is-somma ta tliet mija u tliet u tmenin lira u tletin centezmu
(Lm383.30) rapprezentanti kwantu ghal Lm192 valur ta tliet half day
tours u kwantu ghal Lm190.30 rapprezentanti day trip u dana in vista

tal-fatt li l-konvenut iireklama excursions ta l-oasis pero mbaghad
bieghhom bhala excursions tieghu u zamm il-flus.
Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-
subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 11 ta Gunju 2003 fejn ikkontesta t-talba attrici in vista tal-fatt li huwa ma kkawza ebda danni u kien l-istess attur li agixxa illegalment kontra l-kompetizzjoni hielsa. Fit-tieni lok jinsisti li huwa ma kellu ebda relazzjoni kummercjali mal-attur jew mad-ditta tal-attur jisimha Oasis u li t-tours in kwistjoni ma kellhom x’jaqsmu xejn ma l-Oasis u fil-fatt ma hemm ebda pendenza mal-attur in konnessjoni ma touts mahduma reklamati taht l-isem Oasis Tours.

Bl-ispejjes kontra l-attur.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi Michele Occhiochiuso fl-affidavit tieghu bil-lingwa taljana jispjega li huwa kien xtara tliet tours reklamati f’Brochure ta Oasis Travel ghal 27 persuna u hallas Lm64 ghal kul tour. Meta nghata l-biljetti pero nnota li dawn kienu jghajtu lil E.M.M. Enterprises limited. Ikompli jirrakkonta fuq problemi li nqalghu fuq l-istess tours u kif iltaqa mad-direttur tal-Oasis tours u semmilu l-ilmenti tieghu dan ta l-ahhar ta tour gratis lil group ta 27 persuna li kien jiswa Lm8.65 ghal kull-individwu.

L-attur jispjega li l-konvenut kien jagixxi bhala sub-agent tieghu cioe ta Oasis Tours u kien jirreklamalu u jbieghlu dawn it-tours skond brochure MD1. Kien inghata ticket books ta Oasis Travel u filwaqt li l-klijent jinghata l-white copy, il-konvenut kien izomm il-yellow copy. Fl-ahhar ta kull-xahar l-agent kien jinghata commission ta 25% fuq il-bejgh tat-tours u fuq xi tours kellu 10% commission. Ighid li sar jaf bl-incident li wassal ghal din il-kawza meta taljan gie l-ufficcju tieghu jilmenta mis-servizz li nghataw fuq

excursion partikolari u li ma kienx behsiebu jissokta biz-zewg excursions l-ohra ordnati. Qal ukoll li ma setax jifhem il-ghala EMM Enterprises kienu hadu hsieb l-ewwel tour meta huwa kien suppost ibbukkja ma Oasis Travel. L-attur sema dan l-ilment u ha hsieb organizza iz-zewg tours l-ohra hu stess oltre li offrielu excursion ohra gratis ta gurnata li kienet tiswa Lm8.65 ghal kul persuna mis-27 tal-grupp taljan. L-attur mar mat-taljan ghand il-konvenut biex jitlob il-flus lura taz-zewg excursions imhallsa mit-taljani u li ma kienux behsiebhom jaghmluhom mad-ditta tal-konvenut pero dan ta l-ahhar irrifjuta ghax insista li jaghmilhom hu ghalkemm skond l-attur il-konvenut ma kienx licenzjat biex jorganizza tours. L-attur ghalhekk spicca biex organizza dawn iz-zewg tours gia mhallsa lill-konvenut minnghajr hlas. Mertu ta dan l-incident, l-attur innota li l-konvenut kien qed ibiegh u jorganizza t-tours ghalih innifsu u mhux bhala agent f'isem l-attur. Beda jwahhal sticker tad-ditta tieghu fuq brochures ta l-Oasis Travel kif jidher mid-dokument Dok MD5. Giet esebita ittra tal-klijent taljan Dok MD6 fejn gie spjegat dan l-ilment u kif ukoll ir-rapport li huwa ghamel mat-Tourist Board Dok MD7.

Fl-affidavit tieghu l-konvenut jallega li ma setax ibiegh it-tour tal-Oasis lit-taljan peress li t-tour tal-Belt riedu ghal nhar ta tnejn filwaqt li ta l-Oasis ghandhom dan it-tour biss nhar ta Sibt. Ghalhekk irrangalu tour apposita ghalih kif xtaq. L-istess gara ghat-tour tal-Mdina u tat-tliet ibliet u cioe li t-taljan xtaq li jmur fi granet li ma kellhomx tal-Oasis. Pero dan kollu jafu billi gie nfurmat tramite t-telephone stante li lit-taljan ma kienx qdieh hu personalment. Jallega wkoll li t-taljan qatt ma lmenta mieghu u ma kienx il-lok li jroddlu flusu lura peress li t-tours mibjugha ma kienux tal-Oasis kif jidher mill-ircevuta a fol 39 tal-process. Ighid ukoll li hadd ma qabbad lill-attur biex jaghti tour b'xejn lit-taljani u certament mhux bil-kunsens tieghu.

Mark Stuart Jones impjegat tas-socjeta konvenuta jallega li t-taljan ried tour "tailor made" ghalih cioe xtaq biss jikri transport u gwida bil-lingwa taljana. Dan baqa jigi kkonfermat anke in kontro-ezami u jinsisti li t-taljan qatt

ma ddiskuta mieghu tours partikolari. Wara li kkonsulta mal-konvenut bit-telephone, hariglu bi kwotazzjoni. Meta t-taljan gie lura l-ufficcju aktar tard u xtara t-tours, dan gie moqdi minn impjegat iehor tas-socjeta konvenuta. Dan ix-xhud ikkonferma l-ircevuti a fol 39 bhala kopja ta dawk mahruga minnhom ghalkemm mhux miktuba minnu.

Illi jigi notat li r-rikors tal-konvenut datat 15 ta Gunju 2006 fejn talab l-isfilz tal-affidavit tat-taljan baqa ma giex notifikat lill-kontroparti u kwindi baqa ma giex dekretat. Illi jigi notat ukoll pero li l-konvenut naqas li jaghmel tentattiv wiehed biex jingungi t-taljan ghal kontro-ezami.

Illi l-kaz in ezami jikkoncerna biss jekk il-konvenut bieghx tours tal-attur jew le u mhux qed jigi nvestigat l-operat tal-konvenut jekk qedx jagixxi in mala fede o meno fil-konfront tal-attur fir-relazzjoni ta negozju li ghandhom bejniethom.

Illi l-prova principali li ressaq l-attur in sostenn tat-talba tieghu hija l-affidavit u l-ittra tat-taljan liema xhud pero baqa ma ngieb qatt sabiex jissottometti ruhu ghall-kontro-ezami. Mill-parti l-ohra il-konvenut ressaq lill-impjegat tieghu Mark Stuart Jones li oltre ghall-fatt li dan it-Tribunal sabu kredibbli fil-verzjoni li huwa ta, dan ix-xhud jinsab konfortat ukoll minn cirkostanzjali materjali tal-kaz u cioe fis-sens li rrizulta minnu li t-tours li ha t-taljan inzertaw fi granet li ma humiex offerti mill-attur. Barra minnhekk it-Tribunal isib ferm stramb il-fatt kif l-attur qabad u ha f'idejh it-tours tat-taljani u rega organizzalhom kollox hu mill-gdid meta dawn kellhom tours gia mhallsa mal-konvenut. Messu kien jaf li tali agir kien qed isir ghar-riskju tieghu diment li kien gia jaf li ma kienx hemm il-kunsens u qbil da parti tal-konvenut.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-attur naqas li jressaq provi soddisfacenti in sostenn tal-azzjoni tieghu, kwindi jichad it-talba tieghu u konsegwentement jilqa l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti. Fic-cirkostanzi partikolari ta dan il-kaz, it-

Tribunal ihoss li huwa ekwu u gust li l-ispejjes ta din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------